Kummissjoni Kandidati 12 ta' Settembru 2020
Partit Nazzjonalista

Liċ-Chairperson, Kummissjoni Elettorali, Rekords u Data PN
Lill-President, Kunsill Amministrattiv PN

**Rapport kif mitlub mill-artikolu 90 (C) tal-Istatut tal-PN dwar Dr Adrian Delia u Dr Bernard Grech wara li iddikjaraw l-interess tagħhom li jikkontestaw l-elezzjoni ta' Kap tal-Partit.**

Fi 10 ta' Awissu 2020 l-Kummissjoni Elettorali, Rekords u Data informat lill-Kummissjoni Kandidati (aktar l-isfel 'Kummissjoni') li Dr Adrian Delia u Dr Bernard Grech kienu ż-żewġ persuni li ssottommettew dikjarazzjoni ta' interess li jikkontestaw l-elezzjoni attwali għall-kariga ta' Kap tal-Partit.

Il-Kummissjoni mill-ewwel iltaqgħet biex twettaq il-funzjonijiet tagħha kif jitolbu l-artikoli 135, 136 u 137 tal-Istatut u r-Regolamenti tal-2020 dwar id-Diliġenza Pruvata.

Il-Kummissjoni iltaqgħet fit-tul ma' Dr Adrian Delia u ma' Dr Bernard Grech fl-26 u fis-24 ta' Awissu rispettivament u intervistathom għall-iskop li jistabilixxi l-Istatut.

Il-Kummissjoni ikkonsidrat ukoll ir-rapporti dwar diliġenza pruvata fir-rigward taż-żewġ kandidati prospettivi li rċeviet mingħand il-Panel ta' Esperti Indipendenti li ħatret hi stess kif jitlob l-Istatut u l-imsemmija regolamenti. Il-Panel kien magħmul minn Dr Antonio Ghirlando bħala Chairperson u mill-Awditur Mario P Galea u in-Nutar Dr Clyde La Rosa. Il-Kummissjoni tirringrazzja lill-membri tal-Panel tax-xogħol li huma wettqu fit-terminu ta' żmien li jistabilixxi l-Istatut.

Il-Kummissjoni assigurat li jsir l-eżerċizzju tad-diliġenza pruvata u wettqet l-aċċertamenti possibbli skont l-aħjar ħila tagħha fiż-żmien stabbilit mill-Istatut. Il-Kummissjoni tiċċertifika li sew Dr Adrian Delia kif ukoll Dr Bernard Grech issottometew ruħhom għall-evalwazzjoni u l-eżerċizzju tad-diliġenza pruvata, u tirringrazzjahom tal-kooperazzjoni tagħhom.

Il-Kummissjoni hi tal-fehma li sew Dr Adrian Delia kif ukoll Dr Bernard Grech jistgħu jkunu kandidati għall-elezzjoni ta' Kap tal-Partit kif jitlob l-Istatut.

Colin Bowman,

Chairman, Kummissjoni Kandidati